**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 14 ta' Frar 2018**

**Rikors Numru: 283/15 CSH**

**North Services Ltd. (C18689)**

**vs**

**Jonathan Michael O'Brien (38926A)**

# Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' tas-socjeta' attrici North Services Ltd.ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Settembru 2015, fejn l-istess socjeta' talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut Jonathan Michael O'Brien ihallasha s-somma ta' erbat elef, mitejn u wiehed u sebghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€4,271.72) rapprezentanti l-bilanc tal-konsum tad-dawl, ilma, internet, cable TV u manutenzjoni tal-pool fil-fond 109B, Triq il-Pont, Mellieha fil-perjodu meta dan kien mikri lilu.

Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv u l-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Jonathan Michael O'Brien (I.D.38926(A)) ipprezentata fis-27 ta' Ottubru 2015 fejn eccepixxa:

*"1. Illi t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;*
*2. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici qatt ma gie sostanzjat bl-ebda mod u ghaldaqstant fin-nuqqas ta' tali prova l-ammont kif mitlub mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut;*
*3. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti dejjem hallas l-ammont korettement mitlub ai termini tal-kuntratt ta' kera ffirmat bejn is-socjeta' attrici u l-esponenti, datat tmienja (8) ta' Awissu 2013, u l-istess esponenti ilu xhur shah jitlob id-dokumenti necessarji li jiggustifikaw it-talba tas-socjeta' attrici, izda l-istess socjeta' minflok forniet tali dokumentazzjoni, ghaddiet biex ipprezentat din il-kawza;*
*4. Illi ghalhekk f'kull kaz, l-esponenti li dejjem iddikjara ruhu lest li jhallas l-ammont li jista' jkun korrettement dovut, m'ghandux isofri l-ispejjez ta' l-istanza odjerna;*
*5. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa esagerat u inoltre ma jirriflettix il-ftehim milhuq bejn il-kontendenti.*
*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Permezz ta' nota li giet ipprezentata fis-6 ta' Lulju 2016 is-socjeta' attrici pprezentat l-affidavit ta' **John Mary Camilleri** flimkien ma' dokumenti annessi mmarkati bhala Dok A sa G.

Permezz ta' dan l-affidavit John Mary Camilleri jghid li hu direttur u ghandu r-rapprezentanza guridika tas-socjeta' North Services Limited (C18689).

Jghid illi fit-8 ta'Awissu 2013 is-socjeta' tieghu kriet lill-intimat il-fond *furnished* numru 109B, Triq il-Pont, Santa Marija Estate ghal perjodu ta' tnax-il

xahar b'effett mill-14 ta' Settembru 2013, bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata mmarkata bhala DOK(A). L-agenta involuta kienet Marcelle Mintoff.

Dak inhar, Jonathan O'Brien hallas is-somma ta'3,500 Ewro b'cekk-DOK(B):

- 1,500 Ewro kienu pagament ghall-ewwel xahar tal-kera, cioe mill-14 ta' Settembru 2013 sat-13 ta' Ottubru 2013;
- 1,500 Ewro kienu depozitu biex jaghmel tajjeb ghal xi hsarat jew kontijiet pendenti, skond klawsola numru 10 tal-istess skrittura;
- u 500 Ewro depositu fuq il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma, skond klawsola numru 23 ta' l-istess skrittura.

Camilleri jghid illi Jonathan O'Brien ma zammx mal-ftehim u waqa lura kemm fil-hlasijiet tal-kera, tad-dawl u l-ilma, tal-cable u kif ukoll tal-internet. Il-kera ta' Ottubru 2013 thallset mal-kera ta' Novembru, fil-15 ta' Novembru 2013; il-kera ta' Dicembru thallset ghaxart ijiem tard; filwaqt li il-kera ta' Jannar 2014 thallset tlettax il-jum tard. Il-kera ta' Frar thallset fis-16 ta' April; ta' Marzu fil-15 ta' Mejju; ta' April u ta' Mejju thallsu fis-16 ta' Lulju; ta' Gunju thallset fit-18 ta' Awissu; ta' Lulju thallset fit-18 ta' Settembru; filwaqt li l-kera ta' Awissu baqghet ma thallset qatt. Din 'thallset' biss meta giet pacuta mad-*deposit* li thallas fil-bidu – ara DOK(B) – meta skond il-kuntratt stess dan id-*deposit* ma kellux jigi intuzat ghalhekk: imma kellu jservi bhala garanzija kontra hsarat jew kontijiet mhux imhallsa.

Camilleri ipprezenta rendikont immarkat bhala DOK(C) – fejn juri bic-car il-pagamenti kollha li saru minn Jonathan O'Brien, kif ukoll l-ammonti dovuti kollha minnu ghall-kera, dawl u ilma, servizz tal-internet u tal-cable TV, kif ukoll tal-pool maintenance.

**Cable TV u Internet**: Camilleri jghid li dakinhar li ffirmaw l-kuntratt, Jonathan O'Brien staqsih fuq s-servizzi tal-cable TV u tal-internet. Camilleri qallu li dak iz-zmien kien hemm servizzi fuq isimhom ghaddej, imma li dawn kien ser iwaqqafhom biex b'hekk idahhal ta' O'Brien. Jghid li O'Brien talbu jekk hux possibli jzomm dawn is-servizzi li kien diga' hemm fuq isimhom ghaddejin, biex b'hekk jiffranka l-hassle u anki xi spejjez zejda ta' *installation* gdida. Hu wiegbu li fuq l-internet kienu ghamlu kuntratt ta' xahrejn mal-GO fl-ahhar ta' Lulju, li kien jiskadi fl-ahhar ta' Settembru u allura jekk xtaq li izommulu dan is-servizz miftuh, kien ser ikollu jhallas nofs id-deposit tal-modem li kienu halsu huma (li hu *non-refundable*) kif ukoll nofs l-*installation charge*, apparti l-kirja tal-internet fix-xahar. Fir-rigward tal-cable TV, is-servizz kien ilu mal-Melita 'il fuq minn ghaxar snin u kull ma kellu jhallas il-kirja tas-servizz. Jonathan O'Brien qallilhom li xtaq izomm is-servizzi ezistenti tal-*internet u cable tv* u li kien ser ihallashom taghhom mal-kera bil-quddiem. Izda dan qatt ma sar.

Camilleri jghid illi l-bilanc dovut lilhom a rigward tas-servizz tal-internet, jammonta ghal 216.14 Ewro u huwa maghmul minn:

- 27.48 Ewro ghal-nofs l-installation charge (l-ammont originali kien ta' 54.96 Ewro)
- 12.50 Ewro ghal nofs in-non refundable deposit tal-modem (l-ammont originali kien ta' 25.00 Ewro
- 173.38 Ewro ghas-servizz tal-internet mit-13 ta' Settembru 2013 sa l-ahhar ta' Settembru 2014
- 2.33 Ewro ghal Late Payment Charge imposta minn GO plc fil-kont taghhom ta' l-14 ta' April 2014
- 0.45 Ewro ghal Late Payment Interest imposta minn GO plc fil-kont taghhom ta' 18 ta' Awissu 2014.

Camilleri jirreferi ghal DOK (D) fejn esebixxa kopja tal-kuntratt originali mal-Go, fejn jidher in-numru tal-account li jidher fuq kull kont tal-GO, flimkien mad-dettalji tal-propjeta fejn kien qieghed is-servizz tal-internet, kif ukoll kopja tal-kontijiet kollha minghand il-GO.

Fir-rigward tal-cable tv, Camilleri jghid li l-ammont dovut lilhom huwa ta' 305.27 Ewro, u huwa maghmul minn:
- 285.28 Ewro ghas-servizz tal-cable TV minn Settembru 2013 sa Settembru 2014,
- 19.99 Ewro ghal- Disconnection Fee Non Pay li giet imposta minn Melita plc fuq il-kont li hargu fl-1 ta'Mejju 2014
Camilleri jirreferi ghal-DOK(E) fejn esebixxa kopja tal-kontijiet kollha li hargu l-Melita plc f'dan ir-rigward.

Jghid li kien miftiehem verbalment ma' Jonathan O' Brien li jhallas 200 Ewro fix-xahar akkont tad-dawl u l-ilma, u imbaghad dawn jigu imnaqqsa mill-kontijiet attwali fl-ahhar u tithallas id-differenza. Pero' dawn il-hlasijiet qatt ma saru minn naha ta' O'Brien – DOK C.

**Dawl u l-ilma** : Camilleri jghid li r-readings tad-dawl u l-ilma kienu haduhom flimkien fit-18 ta'Settembru 2013. Jghid li Jonathan O'Brien kien ha r-ritratti tar-readings minn fuq il-meters bil-mobile tieghu. Hu nizzel nota ta' dawn ir-readings fuq il-kuntratt u tah karta b'dawk ir-readings ukoll sabiex jiktibhom fuq il-kopja tal-kuntratt tieghu. Ir-readings kienu 98,617 dawl u 1,285 ilma – DOK A. Wara dahhlu in-naha l-ohra, cioe' fil-109A, biex jurih is-submeter tal-Elettriku illi kien ghadu kemm wahhal dakinhar stess. Hu jghid li Jonathan O'Brien kien jaf li l-propjeta kienet maqsuma fi tnejn, 109A u 109B – u li kellhom meter wiehed tal-ARMS. Jghid li fin-naha l-ohra, cioe' 109A, wahhal submeter ghad-dawl, kif kienu ftehmu, dak inhar stess li dahal u il-ftehim kien li il-konsum tal-propjeta 109A jigi mnaqqas mill-kont ufficjali ta' l-ARMS,

biex b'hekk jaslu ghal konsum ta' Jonathan O'Brien. Il-propjeta' l-ohra, cioe' 109A, kienet prattikament vojta fis-sena li qaghdu hemm Jonathan O'Brien u martu u ntuzat ftit biss fis-sajf tal-2014 – fil-weekends mit-tifla u it-tifel tieghu u t-tfal taghhom, cioe' n-neputijiet tieghu stess peress li hemm pool u xi gimghatejn minn xi hbieb tieghu.

Camilleri jghid illi barra minn hekk, huma hadu r-readings f'zewg okkazzjonijet ohra matul is-sena li damu hemm O'Brien u martu Erica:
- fis-6 ta' Dicembru 2013, fejn ir-readings kienu 963 ghad-dawl u 1,305 ghall-ilma; u
- fl-1 ta'Lulju 2014, fejn ir-readings kienu 7,406 ghad-dawl u 1,305 ghall-ilma.

Huwa jirreferi ghal DOK F(i) fejn esebixxa xi ftit mill-korrispondenza li kellu mal-ARMS Ltd. Bejn Settembru 2013 u Gunju 2015, fejn staqsijhom kemm il-darba sabiex jirrevedu l-kontijiet skond dawn ir-readings li kien ha. Fl-istess dokument ipprezenta ukoll il-form J's rispettivi kif ukol xi ritratti ta' ftit mir-readings li kienu hadu bhala evidenza.

Camilleri jirreferi ukoll ghal DOK F(ii) fejn qed jesebixxi dokument li Jonathan O'Brien iffirma meta hareg mil-propjeta, cioe'fis-16 ta' Settembru 2014, bir-readings li ttiehdu dakinhar minnu fil-prezenza ta' l-istess Jonathan O'Brien u ta' bint Camilleri, Jane Camilleri. Dawn kienu 12,124 dawl u 1498 ilma.

Ir-reading tas-submeter tad-dawl li kien hemm fil-109A ittiehed fis-16 ta' Novembru 2014, meta il-post inkera lil inkwilin iehor u kien 3,745. Ara DOK F(iii).

Peress li l-ARMS damu biex jikkunsidraw it-talba taghhom biex il-kontijiet jigu rreveduti, inizjalment kellhom jahdmu fuq li baghtulhom u dak li attwalment l-

ARMS geghluhom ihallsu, sabiex jaslu ghal ammont dovut minn Jonathan O'Brien fuq id-dawl u l-ilma.

Camilleri jirreferi ghal DOK F (iv) fejn qed jesebixxi il-kontijiet li kienu hargu l-ARMS qabel ma sar dan il-kreditu, u fuq liema kienu ibbazaw l-kalkoli originali taghhom – DOK F(v).
Jghid li meta fl-ahhar l-ARMS irrevedew il-kont, lejn l-ahhar tas-sena 2015, kienu bghatulhom ittra fejn avzawhom li tawhom kreditu globali ta' 335.72 Ewro biss, li kien ikopri 247.37 Ewro fuq dawl u il-bqija (88.35 Ewro) fuq l-ilma – DOK F (vi).

Camilleri jirreferi ghal DOK F (vii) fejn qed jipprezenta l-kalkoli ta' kif wasal ghall-ammont dovut minn Jonathan O' Brien fir-rigward tad-dawl u l-ilma. Kif jista' wiehed jara, l-figuri li hadmu huma kollha relatati maz-zmien li qaghad hemm O'Brien jew konsum li uza O'Brien. Is-service charge tal-meters tad-dawl u tal-ilma li giet debitata f'dan il-kont tkopri perjodu li jibda mit-18 ta' Settembru 2013 sal-15 ta' Settembru 2014. L-istess haga ghall-konsum tal-elettriku u tal-ilma: Jekk wiehed inaqqas l-ewwel readings mill-ahhar readings, jasal ghall-konsum ta: 13,507 ghall-elettriku u 213 ghall-ilma. Ir-rata li uzaw ghal dan il-konsum hija l-istess rata li l-ARMS uzaw fil-kontijiet taghhom ghal dan l-istess konsum. Minn dan naqqas l-ammont ta' EUR 724.44 ghal konsum ta' elettriku tal-propjeta' 109A, li l-maggor parti tieghu huwa tal-pompa tal-pool li kien xeghel lejn l-ahhar ta' Gunju 2014 u tfija lejn l-ahhar ta' Novembru 2014. Jixtieq jiccara li dan il-konsum gie mahdum fuq reading li kienu hadu fis-16 ta' Novembru 2014 - DOK F(iii) – u mhux meta hareg O'Brien mill-fond. Jigifieri il-kreditu fuq il-konsum tal-109A li qed jigi imnaqqas mill-kont ta' O'Brien huwa ikbar minn kemm kien fir-realta' peress li qrah xahrejn wara li telaq mill-post. Fuq l-ilma, naqqas l-ammont ta' EUR 36.50, li hu mahdum fuq average daily consumption ta' 0.25 units kuljum – DOK F (viii) – ghal 10 gimghat allavolja kif diga' spjega qabel, il-109A ma intuzax kuljum, izda fil-

weekends u xi gimghtejn biss. Jghid li kemm-il darba kien ra lil Jonathan u martu Erika jittoppjaw il-pool bl-ilma tal-vit. Kien avzahom biex ma jaghmlux hekk u li kellhom jordnaw bowser minghand water supplier, imma ma semghux minnu. Huwa ghalhekk li l-konsum tal-ilma bejn l-1 ta' Lulju 2014 u s-16 ta' Settembru 2014 gie daqshekk gholi kif indikat f'dan l-istess dokument.

Il-bilanc li Jonathan O'Brien fadallu jhallas fuq dawl u ilma huwa ta' 2,080.32 Ewro, u minn din il-figura diga' gew imnaqqsa il-500 Ewro li kien hallas bhala *deposit* fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, jigifieri m'hemmx aktar pagamenti jew kreditu x'jitnaqqas. Dan il-bilanc ta' 2080.32 Ewro huwa 411.06 Ewro inqas mit-talba originali li kien ghamel.

**Pool Maintanance:** Dakinhar li gie jiffirma l-kuntratt, hu avza lil Jonathan O'Brien, quddiem l-agenta Marcelle Mintoff, illi l-*pool maintenance* u il-gnien kellu jiehdu hsiebhom hu a spejjez tieghu. Hu kien staqsa lil Camilleri xi kemm jigi kieku kellu jqabbad lil xi hadd biex johodlu hsieb il-pool u hu qallu li tigih bejn 15 u 20 Ewro ghal darba fil-gimgha, apparti l-materjal u l-ilma. Hu qallu biex inqabbadlu lil xi hadd. Ghal bidu sakemm sablu lil xi hadd, ha hsiebha hu, u mbaghad qabbad lil Joseph Debasttista Pools biex jiehu hsiebha u dan baghat lil wiehed mill-impjegati tieghu. Fit-tielet gimgha ta' Gunju 2014, Erica O'Brien qaltlu li l-pool kienu ser jiehdu hsiebu huma minn dakinhar il-quddiem u ghalhekk Camilleri jghid li waqqaf lil Mermaid Pools. Camilleri qed jesebixxi l-kontijiet li kien bghat lil Jonathan O'Brien tal-pool maintenance bhala DOK G(i), u l-kont tal-Mermaid Pools li kien ntbghat lilu bhala DOK G(ii). Jghid li Jonathan O'Brien qatt ma hallsu tal-pool maintenance u ghandu jaghtih l-ammont ta' 1,132.80 Ewro, li jinkludi:

- 690.30 Ewro inkluz il-VAT ghax-xoghol mill-15 ta' Settembru 2013 sal-14 ta' Gunju 2014
- 401.20 Ewro inkluz il-VAT ghal 3 Chlorine u 3 Acid.

- 41.30 Ewro inkluz il-VAT ghal bowser ilma.

Iccara li bowsers ilma kien gab tnejn mhux wiehed, imma zammlu ta' wiehed biss. Il-pool hija kbira hafna, ikbar minn normal ghal villa. Twila 35 pied, wiesgha 20 pied, fonda 6 piedi u nofs. U allura tirrikjedi aktar xoghol u aktar materjal minn pool b'daqs normali.

Jghid li lil Jonathan kien jikkuntatjah bit-telefon rigward il-bilanci li kellu pendenti kif ukoll rigward il-pagamenti tal-kera li ma kienux qed jidhlu meta suppost. Mhux dejjem kien jirnexxilu jaqbdu, infatti hafna drabi kien isibu '*not in a position to respond'*. Inzertah xi darbtejn fil-villa u kien qallu li l-pagamenti tal-kera m'humiex qeghdin jidhlu. Il-kontijiet kien inizzilhomlu hu, peress li il-villa qeghda 5 minuti 'l boghod mill-ufficcju, u ihallihomlu fil-letterbox ghax Erica qatt ma kienet tiftahlu. Kemm bintu Jane Camilleri li tiehu hsieb l-*accounts*, kif ukoll hu, kienu avzawhom li jekk m'humiex ser ihallsu tal-cable u l-internet, kienu ser jieqfu ihallsulhom minn naha taghhom. Gibdilha l-attenzjoni ukoll li lanqas il-200 Ewro fix-xahar akkont id-dawl u l-ilma ma kienu qed jithallsu.

Erica kienet tinsisti li Jonathan O'Brien kien qed jiehu hsieb kollox, u li dawn kollha kien qed ihallashom fix-xahar mal-kera, pero' dan ma kienx il-kaz. Bintu Jane Camilleri kienet thallilhom noti mal-istatements biex jikkuntatjawha imma ghalxejn. Fuq statement li bghatitilhom fl-2014 taghthom l-ahhar avviz li ma kienux ser jibqghu ihallsu l-internet u l-cable diment li mhux ser jigu jissetiljaw il-kont minn naha taghhom, u li aktarx il-Melita kienu ser jaqtghu s-servizz fi zmien xahar peress li din hija l-procedura taghhom fuq kontijiet li ma jithallsux. Infatti gara f'April tat-2014 u jiftakar li Erica kienet cemplitlu rrabjata u weghditu li kienet ser thallas ta' kollox meta jigi lura r-ragel, imbasta s-servizz jigi *restored*. U allura, kellhom ihallsu lil Melita huma minn buthom biex jerga

jkollha s-servizz. Pero minn naha taghhom huma ma zammewx kelmithom u qatt ma marru jhallsuh.

Jghid li kif diga' qal, kopja tal-kontijiet kien tahom kemm il-darba, kien rega' ta' kopja ta' kollox lil Jonathan dakinhar li hadu r-readings flimkien u kif jidher car mill-email li Jonathan O'Brien bghat lil bintu Jane fid-9 ta' Settembru – DOK H – l-istatements ta' qabel kien ircevihom. Dak ix-xahar staqsietu kemm il-darba biex jaghmlu appuntament u jmur sal-ufficju biex jispjegalha fejn mhux jaqbel, izda kien igib hafna skuzi li mpenjat u ma jistghax. Jghid li kien qallha li hallas 1,500 Ewro zejda li tkopri il-cable, internet u parti mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma, imma kif jidher car mir-rendikont, din 1,500 Ewro ma kienet zejda xejn, ghax kellu il-kera b'lura u allura marret kontra il-kera.

Jghid li fis-17 ta' Marzu 2015 permezz ta' ittra mibghuta mill-avukat tieghu hu kien talab il-pagament ta' dak li hu dovut lilu u anke saru diversi nkontri sabiex jaslu fi ftehim pero' ma waslux u ghalhekk ikollu jkompli b'dawn il-proceduri.
Illi fil-15 ta' Marzu xehed **Jimmy Camilleri** li bil-Malti u bil-gurament tieghu in kontro-ezami. Huwa qal li jaqbel li l-fond li kien mikri lill-konvenut kien 109B, Triq il-Pont, Mellieha. Fir-rigward Dokument A li kien anness mal-affidavit tieghu li jinsab fl-atti a fol 7, huwa qal li dan huwa l-ftehim tal-kirja in kwistjoni  u skont il-ftehim il-konvenut kellu jiehu hsieb il-font. Huwa sostna li aparti dak il-ftehim, ma kellhom l-ebda ftehim iehor bejniethom bil-miktub. Qal li l-konvenut kellu jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-pool kif ukoll il-gnien. Xtaq jghid illi qabel iz-zmien indikat fil-ftehim u cioe' 17 ta' Novembru 2013, huwa kien qed jiehu hsieb il-pool u li kien qal lill-konvenut meta sar il-kuntratt.

Spjega li qal lill-konvenut li hu (x-xhud) kellu jiehu hsieb il-pool sakemm isibulu xi hadd. Di piu' ix-xhud spjega illi huwa kien imur inaddaf il-pool b'mod regolari u li qatt ma kien javzah lill-konvenut meta kien ser imur jiehu hsieb il-pool. Qal li kien imur darba fil-gimgha u li jaf illi O'Brien ghamel

katnazz fil-kancell pero' kien dejjem ihallihulu miftuh meta kien imur inaddaf il-pool sabiex ikun jista jidhol. Kompla billi sostna li peress illi mart il-konvenut ma kinitx kuntenta bis-servizz taghhom, huwa kien waqqaf il-kuntratt mal-Mermaids f'Gunju 2014. Meta kien jiehu hsieb il-pool, qal li kienet tkun tajba u li qatt ma kienu kkomplejnjawlu. Huwa spjega illi waqt li l-Mermaids kienet tiehu hsieb il-pool, hu ma kienx imur l'hemm.

Qal li kien jaf kemm kellu jiccargja lill-konvenut ghax jaf kemm kien se jiccargjawh il-Mermaids minkejja kien ghadu ma rcievix l-invoice tieghu ghax kellu ftehim mieghu minn qabel. Il-kontijiet li hemm ezebiti fl-atti qal li kien baghat lis-Sur O'Brien u halliehomlu fil-letter box ghax meta kien imur hemm qatt ma kien isibu hemm. Spjega li lill-konvenut personalment qatt ma kien tah xejn u li l-meters tad-dawl u tal-ilma kienu jinsabu fil-garaxx. Is-sub meter kien installah hu meta dahal fih il-konvenut. Fir-rigward l-access ghal dawn il-meters, huwa sostna li l-konvenut dejjem kellu access ghal dawn, peress li l-garaxx kien dejjem miftuh u li filfatt qatt ma sakkru.

Huwa spjega li fil-bidu tal-kirja, ix-xhud ha r-*readings* u kien tahom lill-konvenut bil-miktub minkejja li huwa kien diga' gibed ir-ritratti taghhom. Fir-rigward il-kontijiet li kien jircievi mill-ARMS, hu kien jghaddihom lill-konvenut. Kompla billi qal li huma kellhom disputa mal-ARMS u li fil fatt kienu rrevedew il-kontijiet u kienu hargu kontijiet godda. Ix-xhud kien diga' ghaddihomlu l-kontijiet, qabel ma rcieva l-kontijiet riveduti fis-sena 2015. Huwa kien jghaddilu l-kontijiet li kien jircievi mill-ARMS.

Fir-rigward dawn il-kontijiet, huwa stqarr li l-konvenut qatt ma ghamel kuntatt mieghu. Qal li l-emails li kien jibghatlu l-konvenut kienet tarhom bintu, izda ma jafx jekk il-konvenut kienx baghat xi e-mails fejn talab xi kontijiet. Huwa spjega li hu kien jitkellem mat-tifla fuq is-Sur O'Brien u li jista jkun illi t-tifla tax-xhud kienet tghidlu li kien jibghatilha l-kontijiet pero' jekk kien talabha

zgur kienet baghtithomlu. Ix-xhud ghalaq billi qal li hu ma kienx jaqrahom dawk l-emails.

Rat in-nota ta' riduzzjoni datata 14 ta' Dicembru 2016, tas-socjeta' attrici North Services Limited (C18689) fejn irriduciet it-talba taghha **ghall-ammont ta' €1,913.12 flimkien mal-imghaxijiet relattivi rapprezentanti €1,132.80 pool maintenance u €780.32 bilanc tal-kontijiet tad-dawl u ilma.**

Rat illi fit-8 ta' Frar, 2017 is-socjeta' attrici pprezentat l-affidavit ta' **Joseph Debattista** li ddikjara li huwa rapprezentant tas-socjeta' Mermaid Pools, liema socjeta' kienet inkarigata mis-Sur John Mary Camilleri sabiex tiehu hsieb il-pool tal-villa 109B, Triq il-Port, Santa Maria Estate, Mellieha bejn is-17 ta' Novembru 2013 u l-14 ta' Gunju 2014. Ikkonferma li huwa uza l-klorin u l-actu skond is-sengha, bhas-soltu u li t-tindif sar mill-impjegati tieghu. Qal li ta' dan ix-xoghol hareg invoice bin-numru 1150 datata 25 ta' Gunju 2014 fl-ammont ta' €984.72. Sal-lum din l-invoice ghadha ma thallsitx. Qal li dak iz-zmien il-villa kienet mikrija.

Illi permezz ta' nota fit-28 ta' Gunju 2017, gie pprezentat l-affidavit ta' **Jeffrey Agius** li kkonferma li huwa ghandu l-kumpanija tieghu li taghmel xoghol ta' *swimming pool cleaning*, u li jahdem wahdu.

Qal li s-sur Jonathan O'Brien u l-mara tieghu kienu inkarigawh ghal habta ta' April / Mejju 2014 sabiex jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-pool li tinsab fil-fond 109B, Triq il-Pont Mellieha, liema post huma kienu qed jikru dak iz-zmien. Spjega li kull darba illi kellu bzonn jiddiskuti xi haga, jew jaghmel xi spejjez, is-soltu kien jitkellem ma' Erika, il-mara ta' Jonathan, u dan peress illi Jonathan kien kwazi dejjem imsiefer fuq xoghol. Qal li wara li nkarigawh l-ewwel darba li mar jara l-post, malli ra il-pool, ra li ma kienx fi stat li jista' jintuza ghax tant kien mahmug hafna u dan mhux tajjeb ghall-ghawm. Fir-rigward il-kimici, ma

kienx hemm fil-Villa u ghalhekk huwa kellu jmur jixtrilhom kimici u dak kollu li kellhom bzonn.

Fir-rigward ix-xoghol li kellu jaghmel fil-pool, huwa sostna li sabiex il-pool igibu fi stat tajjeb biex jintuza u jlestih ghas-sajf, kellu jaghmel pool cleaning kif ukoll pool service. Sabiex pool cleaning tkun ghamiltu tajjeb, huwa spjega li wiehed irid jiehu hsieb u jmantni l-pool fi stat tajjeb ghas-Sajf almenu darba fil-gimgha. F'dan ir-rigward qal li ghalhekk huwa kien imur fil-post darba fil-gimgha u li kien jiehu hsieb u jaccerta li l-ilma jigi u jkun fi stat tajjeb biex jghumu fih. Qal li l-mara kienet tiehu hsieb biex tordna l-ilma minn tal-bowser ghat-topping up tal-pool u li dan l-ilma kien jitpogga fil-bir. Meta kien imur hu, kien jiehu hsieb hu biex jaghmel it-topping up minn dak l-ilma gol-bir ghal gol-pool.

Spjega li kien inaddaf il-qiegh tal-pool bil-vacuum u kien jitfa il-kimika li kien hemm bzonn. Din il-kimika kien xtraha fil-bidu u halla t-tank fil-villa sabiex ikun jista jinqeda minnu meta kien imur hemm. Qal li huwa lesta x-xoghol ta' manutenzjoni ghal habta ta' l-ahhar t'Awissu u li s-sinjuri O'Brien m'ghandhomx kontijiet pendenti mieghu u dan ghax kull darba li hargilhom kont, huma dejjem halsuh.

Rat in-nota tal-konvenut Jonathan Michael O'Brien ipprezentata nhar il-25 ta' Lulju 2017, li permezz taghha huwa pprezenta l-affidavit tieghu mmarkat bhala Dok JMO, kif ukoll li-affidavit ta'Erica O'Brien immarkat hala Dok EO.

Fl-affidavit tieghu il-konvenut **Jonathan Michael O'Brien** iddikjara li qed jillimita it-testimonjanza tieghu ghal kwistjonijiet li huma mertu ta' din il-kawza bejnu u bejn North Services Limited, rigwardanti l-akkomodazzjoni taghhom fi propjeta 109B, Triq il-Pont, Santa Marija Estate.

Qal illi fit-8 ta Awwissu, 2013 huwa ffirma ftehim ta' kera tal- propjeta' in kwistjoni. Dan il-ftehim kien ghal termiu ta' 12 –il xahar. Kien John Mary Camilleri maghruf bhala Jimmy illi ffirma l-ftehim tal-kera f'isem North Services Limited. Dan il ftehim kien iffirmat gewwa Jimmy's Car Rentals il-Mallieha vicin ta' Triq il-Kbira fil-prezenza ta' John Mary, bintu Jane, martu Erika u Jonathan innifsu flimkien mal-agent tal-propjeta' li kien sabilhom il-propjeta' kkoncernata.

Dan ovvjament gara qabel ma dahlu fil-propjeta' nhar is-17 ta' Settembru, 2013. Ma l-iffirmar tal-kuntratt, huwa hallas xahar depozitu, b'cekk, fl-ammont ta' €1500 (elf u hames mitt ewro), kif ukoll €500 (hames mitt ewro) fi flus kontanti bhala depozitu ghall-ilma u d-dawl. Il-€500 (mitt ewro), kienu thallsu fil-prezenza ta John Mary, bintu Jane Camilleri, quddiem ix-xhud stess, kif ukoll mart ix-xhud Erica. Il-hlas tac-cekk fl-ammont ta' €1500 (elf u hames mitt ewro) kienu saru ftit jiem wara li gie ffirmat il-kuntratt u hu jemmen li dan gie mghoti direttament lil Jane Camilleri. Hu sostna li m'ghandux ricevuta ghal dan ic-cekk. Meta dahlu fil-propjeta' l-gdida, la l-qari ta' l-ilma u lanqas tad-dawl ma ttiehdu fil-prezenza tieghu jew ta' martu, lanqas meta gie ffirmat il-ftehom tal-kera ftit jiem qabel. Filfatt il-kopja tal-ftehim tal-kera li huwa nghata ma kinetx tinkludi il-qari tal-meters u tad-dawl ( kif muri f'dokument JB1, li jinsab ma' l-affidavit tieghu. Il-meters ma kinux accessibli ghalih u ghal martu minhabba li dawn kienu msakkrin fil-basement/garaxx li jinsabu taht il-propjeta'.

L-ewwel u l-uniku darba li raw il-meters kien dakinhar li telqu mill-propjeta' f'Settembru tal-2014, meta John Mary gie biex jiehu l-ahhar qari tal-meters, fejn kienet wkoll prezenti Jane Camilleri. F' dan il-qari tal-meter John Mary kellu mieghu wkoll kopja tal-ftehim tal-kera. Huwa kien ixxukjat meta ra il-figuri tal-bidu mdahhlin fil-verzjoni tal-kuntratt ta John Mary. Dawn il-figuri gew miktuba minghajr il-kunsens u mhux fil-prezenza kemm tieghu u kemm ta'

martu. Meta saqsa fuq dawn il-figuri, Jane Camilleri staqsietu biex jiffirma jew jinizjala ismu hdejn il-qari tal-meters fuq id-dokument taghhom. Huwa rrifjuta biex jiffirma d-dokument ghaliex ma kien konxju xejn tal-qari originali izda qabel li jaghmel l-inizjali tieghu hdejn l-ahhar qari li hu kien prezenti ghalih. Sa dakinhar la hu u lanqas martu ma kienu raw specifikament il-meter ghal Villa 109B li taghmel parti minn dan l-kwistjoni kollha, ghaliex biex tiehu qari ghal 109B, l-ewwel il- qari ta' 109A irid ikun imnaqqas mill-kont kollu.

Matul iz-zmien li ghexu hemm, kemm hu kif ikollu martu kienu jsaqsu ta' spiss ghal kopji tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-propjeta' mikrija lilhom, li kienet 'Villa 109B sabiex ikunu jistghu jissetiljaw il-kontijiet f'waqthom. Huwa kienu saqsew lil John Mary Camilleri verbalment, kif ukoll baghtu messaggi lil bintu Jane f' hafna okkazzjonijiet. Hu baghat wkoll emails u messaggi bil-miktub lil bintu Jane jistaqsu ghal kontijiet f'diversi okkazjonijiet (kopji jinsabu hawnhekk u mmarkati Dok.JB 2) li baqghu mhux imwiegba.

Kien ftit xhur wara illi North Services bdew dawn il-proceduri li huwa nghata kopja ufficjali tal-kont tad-dawl u l-ilma. Madankollu huwa ddikjara li dawn il-kontijiet jirreferu ghal propjeta' kollha u mhux 109B li huwa kera. Sa dakinhar kien ghadu ma rax kontijiet specifici u ufficjali direttament ghal kiri tal-propjeta' 'Villa 109B'. Il- kontijet kollha kienu jew stimi minn North Service jew kontjiet ufficjali imma mhux ghal 'Villa 109 li hija maqsuma fi propjeta'A u B.

Hu jirrikonnoxxi li hu ghandu jaghti lil North Services ammont li ghandu x' jaqsam mal-kosum ta' l-ima u d-dawl matul iz-zmien li qaghdu hemm. Matul il-kors ta' dawn il-proceduri legali huwa ghamel pagament ta' €1,300.00 (elf u tlett mitt ewro). Fin-nuqqas ta kont ufficjali ghal villa 109B huma kkalkulaw li dan l-ammont flimkien mal-€500 (hames mitt ewro) li John Mary zamm mid-depozitu li huma kienu hallsu originarjament bhala ammont gust li jkopri l-ilma

u d-dawl tax-xhur mikrija. Huma jemmnu li dan l-ammont jinkludi il-kontijiet pprovduti tenut kont tal-fatt li huma ma kinux qed jghixu fil-propjeta' ghal diversi gimghat ghalkemm xorta baqghu jikruha. Huwa assolutament ma jabilx illi ghandhom ihallsu jew li jkunu responsabbli ghal ammonti li jaqbzu dan l-ammont, iktar u iktar, fir-rigward ta' pagamenti li saru tard u l-interessi li ngemghu.

F'dak li jirrigwarda l-pool, huma dahlu fil-propjeta' f'Settembru 2013, ghalhekk ma kellhomx xi uzu twil ghalih f' dan l-istadju. Huma qatt ma kellmu lil John Mary Camilleri u lanqas lil hadd minn North Services ghal manutenzjoni u biex il-pool jinzamm f' kundizzjoni tajba. Minn Settembru 2013 ezatt qabel beda s-sajf ta' l-2014 hu ra lil John Mary Camilleri madwar hames darbiet gewwa 'd-*deck area'* taghhom. Kien ta' spiss ikun f' dik l-'area' ghaliex kien jidher li qed jaghmel xi xoghol fuq il-propjeta' adjacenti, Villa 109A. Ma setghax ikun cert kemm il-darba gie fil-propjeta'minhabba li ma kien sar ebda ftehim dwar il-manutenzjoni u t-tindif tal-pool u hu kemm il-darba ma kienx ikun id-dar minhabba impenji tax-xoghol, ghalhekk ma seta' jara l' hadd fil-propjeta'. F' okkazzjoni minnhom huwa ra fid-dar kumpanija ohra tnaddaf il-pool, ghalkemm meta staqsa lil John Mary Camilleri minn kienu, hu ma tahx hafna nformazzjoni.

Din kienet l-ewwel u l-ahhar darba li hu ra lil din il-kumpanija fil-propjeta'. Hu jassummi li dan gara minhabba li hu kien ghamilha cara, lil John Mary Camilleri li huma ma jihdux gost li jigu nies b'sorpriza fil-propjeta' barra t-tieqa taghhom. La hu u lanqas martu qatt ma kienu konxji ta' xi arrangament u qatt ma taw xi kunsens ghal xi ftehim bejn North Services/ John Mary Camilleri u din il-kumpanija. Lejn is-sajf ta' l-2014 huma kellhom il-hsieb li jnaddfu l-pool ghas-sajf ghaliex sa dakinhar il-pool kien ghad kellu moffa hadra mal-hitan kollha u kif wkoll xi hama fil-qiegh tal-pool. Dan flimkien ma' vizti ghal gharrieda u mhux mistennija u kultant mhux mixtieqa ta' John Mary wasslu

biex martu u hu jitkellmu ma' John Mary Camilleriu u jghidulu biex ma jmurx aktar fil-propjeta' taghhom. Huma qatt ma tawh permess jigi meta jrid fil-binja taghhom u bhala stat ta' fatt, rigward il-ftehim tal-kera li huwa ffirma ma' John Mary, kien jghid li hu jrid javzahhom, mhux inqas minn 24 siegha qabel, ghal xi inspezzjonijiet li seta'jkun hemm fil-binja, notifiki li qatt ma nghataw. Aktar minn hekk la fil-ftehim tal-kera u lanqas verbalment qatt ma qablu mieghu li jiehu hsieb il-kura u l-manutenzjoni tal-pool u l-area tal-madwar.

Fl-affidavit kompla jghid li ezatt qabel is-sajf ta' l-2014 huma stess qabbdu kumpanija tat-tindif tal-pools u xtraw katnazz ghal gate ta' barra. Sfortunatament, John Mary Camilleri ta' l-inqas f' okkazjoni wahda li jafu biha huma, nehha din il-grada msakkra u ghamel triq ghalih biex ikun jista' iqabbad pajp ma' vit fil-gnien taghhom biex ikun jista' jnaddaf il-propjeta' adjacenti. Huma kkuntatjaw lil Mr.Jeffrey Agius f' April/Mejju 2014 biex ikun jista' jnaddaf il-pool u jippreparah ghax-xhur tas-sajf. Sakemm Mr. Agius hadem fuq il- pool, il-pool kien ghadu kollhu moffa hadra u kien jidher mahmug. Mr. Agius ha hsieb li jnaddaf il-pool mill-istat li kienet u kien jigi kull gimgha biex izomm il-pool fl-ahjar kundizzjoni. Kien jnaddaf il-qiegh tal-pool u jizgura li l-livelli ta' kimika jkunu ta standard tajjeb. Matul is-sajt ta' l-2014 Jonathan kellu jimla' s-*swimming pool*, qisu kull gimghatejn bl-uzu ta' bowsers ta' l-ilma. Huma kienu juzaw il-bowsers ta' l-ilma biex jimlew il-pool, kif kien qalilhom jaghmlu Mr. Agius.

In generali, ix-xoghol tieghu ifisser li hu jkun il-boghod mid-dar hafna (hamest ijiem xoghol flimkien ma' 3 jew l-aktar 4 granet id-dar) mqabbel mal-fatt li martu kienet fl-ewwel xhur tat-tqala matul iz-zmien tal-bidu tal-kirja u mbaghad eventwalment b't-tifla tat-twelid. Fl-ahhar xhur martu qattghet hafna mill-granet fid-dar tal-genituri taghha. Huma wkoll qattghu ix-xahar kollhu ta' Novembru 2013 imsiefrin. Dan il-fatt flimkien max-xogholijiet kostanti fil-Villa 109A fix-xitwa kif wkoll il-familja ta' John Mary Camilleri li ghexu u

ghamlu parties fil-Villa 109A matul is-sajf ta' l-2014, wasslu biex huma jkollhom dubju dwar l-ammont inizjali mitlub minn North Services stante li huma qatt ma gew pprovduti kontijiet originali meta saqsew ghalihom. Aktar tard huma gew mghotija ammont li huma allegatament ghandom jaghtu, mighajr prova ta' kalkulazzjoni jew konsum attwali. Huwa kien gie notifikat b'mandat ta' sekwestru qabel ma kienu gew ipprezentati lilu il-kontijiet ufficjali. Rigward il-pool l-uniku ftehim li hu jew martu kellhom kien li il-ftehim personali taghhom mal-kumpanija tal-pools (Mr. Agius) fil-bidu tas-sajf ta' l-2014.

**Jonathan Michael O'Brien** xehed in kontro-eżami nhar it-18 ta' Ottubru 2017 bil-lingwa Ingliża tradotta għall-Malti mill-Qorti fejn iddikjara li huwa minnu li huma ffirmaw l-kuntratt tal-kirja fit-8 ta' Awwissu 2013 però dahlu fil-post f'Settembru tal-istess sena. Xtaq jispjega li xi tlett ijiem jew erbgħa wara li kienu ffirmaw l-kuntratt f'Awwissu 2013, huma kienu tawh ħames mitt Euro fi flus kontanti (€500) u ftit wara kienu ħallsuh elf u ħames mitt Euro (€1500) permezz ta' ċekk. Hu kompla jgħid li effettivament hemm irċevuta għal dak iċ-ċekk. U għalhekk, fil-jum meta huma kienu ffirmaw l-kuntratt, kienu ħallsu biss il-ħames mitt Euro (€500) fi flus kontanti.

Huwa gie muri c-cekk datat 16 ta' Awwissu 2013 intestat lil North Services Limited u qal li dan ikopri l-kera tal-ewwel xahar għall-post in kwistjoni kif ukoll id-deposit. Dan iċ-ċekk kien maħruġ mill-kont ta' missieru għax fil-bidu kien għenu hu.

Rega' spjega u qal illi l-kuntratt ġie ffirmat fit-8 ta' Awwissu meta sar hlas bi flus kontanti ta' ħames mitt Euro (€500) u in segwitu saru l-pagamenti skont dan iċ-ċekk datat 16 ta' Awwissu, 2013. Pero ma setax jispjega eżattament meta dan iċ-ċekk tas-16 ta' Awwissu ġie mgħoddi lis-Soċjetà attriċi. Naturalment, l-affidavit tiegħu ħargu wara li kien qed jara l-bank statements għaliex ma setax

jiftkar eżattament il-ġranet peress li għaddew numru ta' snin. Jiftakar li meta ffirmaw il-kuntratt kienu hemm fil-car rental, il-ħanut ta' Jimmy, ftit minuti 'l bogħod mill-proprjetà in kwistjoni.

L-uniku darba li raw il meter hija meta ħadu ritratt tal-meter readings meta telqu mill-proprjetà li huwa wkoll indikat fl-affidavit tiegħu u mhux meta dahlu fil-post fil-bidu. Ftit xhur wara li dahlu fil-post, Jimmy kien uriehom fejn hu s-sub meter però meta tidħol fil-proprjetà ma tarax meter. Qal li tarah biss fil-basement u huma ma kellhomx aċċess għall-basement. Tenna li effettivament ma kienx urihom fejn kienu dawn il-meters. Kien qalilhom dwarhom biss u fejn jinsabu. Setgha jikkonferma dan għaliex meta hargu, gibed xi ritratti. Sostna li huma ma kellhomx aċċess għall-basement u l-bieb kien magħluq u msakkar. Tant hu hekk li l-mara kienet saqsietu jekk jistgħux jipparkjaw il-karozza fil-garaxx u hu qalilha le. Zied jghid li huma kienu mgharrfa li ma kellhomx aċċess għall-garaxx u kif ukoll kien hemm żewġ postijiet partikolari fejn ma kellhomx aċċess u ċioè, il-basement fejn kien hemm il-*meters* u l-*pump room* fejn kien hemm is-swimming pool.

Huma qatt ma ngħataw il-kontijiet tal-internet, tat-televixin, tad-dawl u l-ilma. Sostna illi huma qatt ma raw kontijiet illi jkopru l-propjetà tagħhom sal-lum il-ġurnata. Tenna jghid li l-ewwel kont li raw tal-internet u tv kien indirizzat lil ħaddieħor u jirreferi għall-perjodu qabel ma dahlu fih huma u dan kollu tqajjem fl-aħħar ġimgħat meta kienu fil-proprjetà. Zied jghid illi effettivament, huma raw dawn il-kontijiet lejn l-aħħar żmien taghhom fil-propjetà u għal darb'oħra dawn il-kontijiet ma kinux tajbin. Huwa sal-lum il-ġurnata għadu ma rax kont li jkopri biss il-proprjetà tagħhom. Qal illi l- kont tal-ARMS kien ikopri l-proprjetà 109 u huma kienu qegħdin joqogħdu biss f'109A. Huma qatt ma raw il-kontijiet li għaddew bejn il-kumpanija u l-ARMS. Huwa kien jirċievi invoice min-North Services biss li ma kienx dokument uffiċjali. Huwa minnu illi huwa dejjem xtaq iħallas il-kont tad-dawl u l-ilma u kien qed jistenna l-kont u waqt li

kienu fil-kirja qatt ma hallsuh il-kont ghaliex dejjem kienu qed jistennew il-kont. Però meta bdiet il-kawża, ħallas s-somma ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300) kif ukoll ħames mitt Euro oħra (€500) li kien ħallas oriġinarjament bħala depozitu.

Mistoqsi kif effettivament huma ħadmu din is-somma u ċioè l-elf u tliet mitt Ewro, qal li huma b'hekk ħallsu elf u tmien mitt Euro (€1,800) li jiġu mija u ħamsin Euro (€150) fix-xahar. Peress li huma tal-familja, saħansitra anki ħallsu żżejjed meta tqis kemm damu fil-post. Peress li ma kellhomx kont uffiċjali bilfors li kellhom jaħdmu hekk. Zied jghid illi bħala total għamlu inqas minn sitt xhur fil-propjetà. Hu ma hadimx fuq units ghaliex haseb li mija u ħamsin Euro (€150) fix-xahar kienu biżżejjed. Però huwa minnu li qabel ma telqu, ħadu r-readings mis-sub meter izda ma setax jaħdem fuqu għax ma kienx jafx minn fejn beda. Qal li huwa minnu li fl-email tagħhom qalu li kienu rċevew il-kontijiet però l-kont tal-internet, per eżempju, kien intestat lil ħaddieħor u kien ikopri perjodu ta' qabel ma dahlu fil-fond huma u għalhekk kellhom jahdmu fuqu. Meta rċevew il-kontijiet kienu fil-fatt ilmentaw dwarhom.

Qal illi filfatt dawn kienu kontijiet illi kienu jirrelataw mal-inkwilin li kien hemm qabilhom. Filfatt, meta huma kkontestawha, t-tifla ta' Jimmy qaltilhom li kien hemm żball u li kienet ser toħroġ kont ieħor. Mill-bqija, il-kont tal-pool kien ikun parti mill-ħlas li kienu għamlu għall-inkwilinat. Filfatt, l-ewwel darba li kienu jafu li kien hemm xi kont fuq il-pool, kien meta rċevew l-kont biex iħallsu tiegħu. Qatt ma kienu ftehmu li kien hemm xi ħlas apparti għall-manutenzjoni tal-pool. Filfatt, meta rċevew il-kont tal-manutenzjoni tal-pool, kienu qalu li ma kellhom x'jaqsmu xejn dwaru. Kompla jghid illi dak iż-żmien avolja kienu għadhom ġol-post, kull diskussjoni li kellhom kienet wahda verbali.

Mistoqsi għalfejn Jimmy kien imur jarahom, disa' darbiet minn kull għaxra li kien jarah, jghid li ma kienx fil-proprjetà tagħhom biss iżda kien fil-villa kollha. Tenna li kien jagħmel xi xogħolijiet fil-propjetà adjaċenti u ġieli kienu jarawh fit-triq kif ukoll barra l-propjetà. L-uniku darba li huma kellmuh fuq il-kont tal-pool kien meta kienu ġew avviċinati bih fl-aħħar tal-kirja. Sostna illi mhux minnu illi effettivament il-mara tiegħu kienet timla' l-*pool* bl-ilma tat-tapp. Zied jghid iilli huma kienu jagħmlu l-hose mat-tapp biex isaqqu l-pjanti li kien hemm, li kienet responsabbiltà tagħhom. Kompla jghid illi bejn Settembru 2013 u Ġunju tat-2014, huma ma ghomux fil-pool u tenna illi l-ilma kien maħmuġa u il-pool ma wzawhx.  Kompla jzid illi l-water level tal-pool ma kinitx qed tinżel fix-xhur tax-Xitwa għax ma kinux ser jgħumu fix-Xitwa. Zied wkoll illi l-ewwel darba illi huma riedu jagħmlu xi ħaġa fil-pool kien meta gew bżonnu. Fil-kuntratt kien hemm illi l-ispiża għall-manutenzjoni tal-pool kienet a karigu tagħhom. Qal li jekk mhux sejjer żball, kien hemm illi huma kienu responsabbli għall-pool.

Ġie muri l-ftehim dwar il-kirja, esebit fl-Atti, u hemm klawsola fejn hemm miktub illi l-inkwilin kien responsabbli għall-proprjetà u l-kontenut taghha. Huma ħadu ħsieb il-pool qisu bejn Marzu u April tas-sena 2014. Meta huma ħadu l-kirja, l-pool ma kienx f'kundizzjoni tajba. Kien hemm saħansitra l-moffa ġo fiha, moss, u kienu nfurmaw lil Jimmy dwar dan. Filfatt, kienu lmentaw fuq diversi oġġetti u fosthom kien hemm din il-kwistjoni tal-pool però ma jiftakarx eżattament Jimmy x'qalilhom ħlief li din kienet problema taghhom. Il-persuna li kienet tiġi biex tnaddaf il-pool ma titkellimx bl-Ingliż izda martu kienet titkellem miegħu, izda jaf illi kienu jħallsuh bi flus kontanti kull darba li jiġi. Però naturalment, huma ma stennewx li ser jaslu s'hawn u allura ma żammewhomx. Hu minnu li huma offrew li jħallsu l-prezz ta' żewġ kontejners ta' acid u chlorine u dan bħala *goodwill*. Naturalment, la hu ma aċċettax li jħallsu dawn u ma aċċettax lanqas li jaslu fi transazzjoni bonarja, kulħadd baqgha b'li hu.

Rat l-affidavit ta' **Erica O'Brien nee Azzopardi** fejn iddikjarat li l-affidavit taghha huwa limitat ghall-fatti rigwardanti iz-zewg kwistjonijiet pendenti (il-bilanc pendenti tal-kont tad-dawl u l-ilma flimkien mal-kwistjoni tal-pool).

Hi u zewgha krew Villa 109B, Triq il-Pont Santa Marija Estate, Mellieha minghand North Services Limited, (rraprezentati minn John Mary Camilleri) f' Awwissu ta' l-2014. Huma sussegwentament dahlu fil-villa fis-sbatax ta' Settembru, 2013. Il-qari tad-dawl u l-ilma qatt ma ttiehdu fil-prezenza taghhom, lanqas meta huma dahlu fil-bini. Kull darba li staqsew lil John Mary Camilleri biex ikunu jistghu jaccessaw il-garaxx (fejn kien hemm imsakkrin il-meters) huwa dejjem qalilhom li hi ma kellhix bzonn access ghalihom. Ghalkemm huma qatt ma raw dawn il-meters jew inghataw xi qari tal-meters, hi xorta baqghet issaqsi lil John Mary Camilleri ghal kontijiet biex jaraw x' ghandhom jaghtu in konnessjoni mad-dawl u l-ilma. Hi kienet iccempel lil John Mary Camilleri kull gimghatejn jew tlieta biex ticcekkja jekk kellux xi kontijiet minghand l-arms ghalihom u kull darba kien jghidilha li kien se jghaddihomlom malajr imma dawn qatt ma gew mghotija jew impustati. Il-*letter box* kienet tigi ccekjata darbtejn kuljum. Fl-ahhar gurnata li qaghdu fil-Villa, John Mary Camilleri gie mat-tifla tieghu u lilha prezentala kont ittajpjat bil-kompjuter li bih talbet l-ammont li huma kellhom jaghtuhom. Dan l-istess dokument ma kienx jinkludi dati jew kontijiet ufficjali mill-ARMS. Huma kienu lesti li jhallsu dak li kien dovut minnhom imma ovvjament kull ammont kellu jkun inkorporat ma' kont ufficjali mill-ARMS.

Wara li twieldet it-tifla fl-2014 hi kienet tqattgha hafna hin mal-familja taghha minhabba li Jonathan kien ikun xoghol. Huma qattghu ix-xahar kollhu ta' Novembru imsiefrin. Matul iz-zmien li qaghdu fil-villa, huma affacjaw numru ta' problemi li meta rrapurtawhom lil John Mary Camilleri, hafna mid-drabi baqghu bla soluzzjoni. Per ezempju kien hemm diversi drabi bi qtugh ta'dawl

(li mhuwiex relatat mal-gvern). Wara li tkellimu ma' John Mary Camilleri fuq dil-haga huwa gab elektrixin. Hi semghet lil elektrixin jghid li kien hemm il-problemi mal-kaxxa ta' l-elettriku u li din kellha bzonn tinbidel izda din qatt ma kienet nbidlet jew issewwiet u b'hekk iz-zmien li huma qattghu hemmhekk kien kontinwament bi problemi ta' qtugh fid-dawl fi granet mhux mistennija. Huma kienu jsibu lil John Mary Camilleri fil-propjeta' taghhom bla ma javza lil hadd, xi drabi kienu jghidulu biex ma jmurx minghajr ma javzahom u huma hadu azzjoni billi sakkru b'katnazz l-gate ta' barra. John Mary Camilleri – kien ukoll dahal fl-area taghhom li kienet imsakkra b'katnazz u f'okkazzjoni minnhom, huma sabu hose pipe li kien nmqabbad mal-vit tal-gnien tad-dar taghhom li kien jwassal ghad-dar ta' hdejhom minhabba li l-familja tieghu (li kienu dejjem juzaw villa 109A) kienu qed jorgaizzaw festin.

Hi qalet li qatt ma tat l-awtorizzazzjoni jew il-kunsens taghha lil John Mary Camilleri biex jiehu hsieb il-pool. Il-pool kien mahmug mill-bidu nett meta dahlu izda billi dahlu fil-Villa fl-ahhar tas-sajf ma kienx hemm uzu ghalihom biex jinvestu fil-pool minhabba li huma ma kienux ser juzawh fix-xitwa. Huma nfurmaw lil John Mary Camilleri biex ma jiehux hsieb il-pool, u dan kien wara li zewgha kien rah bla mistenni fil-binja tal-gnien. Huma ma kinux ilmentaw fuq l-istat tal-pool fix-xitwa minhabba li ma kinux ser juzawh f'dak iz-zmien. Habib taghhom kien issuggerilhom lil Mr.Jeffrey Agius u wara li kellhom kuntatt personali mieghu, hu beda jiehu hsieb il-pool taghhom minn April sa Mejju 2014 bi spejjez ghalihom. Mr Jeffrey Agius ha hsieb il pool u zgura li dan ikun fi stat tajjeb biex jintuza u li jkun konformi ma' l-istandards. Peress li zewgha kien il-boghod mid-dar, hafna mid-drabi kienet hi li ddiljat direttament ma' Jeffrey Agius. Huwa kien awtorizzat jixtri il-kimika u dak kollu li kellu bzonn biex jizgura li l-pool jinbidel f'wiehed sigur u nadif u li jkun konformi ma l-istandards biex ikun jista' jintuza. Matul is-sajf huma bdew jinnutaw li l-ilma tal-pool beda jonqos b' mod konsistenti u eventwalment sabu li l-pool kien qieghed jillikja. Meta hi nfurmat lil John Mary Camilleri b' dan, hu nsista li dan

ma kellu xejn hazin. Zewgha u hi cemplu u ordnaw bowzers ta' l-ilma f'okkazjonijiet differenti biex izommu l-pool mimli. L-ispejjez kollha tal-bowzers ta' l-ilma u l-ispejjez dovuti lil Sur Jeffrey Agius kienu kollha mhallsin minnha u minn zewgha u huma m'ghandhom l-ebda kontijiet pendenti jew kwistjonijiet pendenti maghhom.

**Erica O'Brien** xehdet nhar it-18 t' Ottubru 2017 bl-Ingliz tradott ghall-malti mill-Qorti fejn iddikjarat li hi ma qablet xejn dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kif inħadmu. Hi lil Jane, it-tifla ta' Jimmy, kienet talbitha diversi drabi biex tibgħatilha l-kontijiet tad-dawl u l-ilma però hi qatt ma bagħtithomlha. Hi qatt ma rathom u għadha sal-ġurnata tal-lum ma rathomx. Hi kienet preżenti meta effettivament kien iffirmat il-ftehim. Taf li kien hemm ftehim illi l-pool kellhom jieħdu ħsiebha huma u qalet illi effettivament dan kien miktub fil-kuntratt.

Giet murija l-kuntratt li huwa esebit f'dawn l-Atti a fol. 17. Eżattament ratu però mhux qed tarah issa fil-kuntratt. Effettivament jista' jkun ukoll li sar xi diskors. Sostniet li meta huma dahlu fil-post, il-pool kienet ġa ħadra u tenniet li ħadd ma seta' jgħum fiha u peress li s-Sajf kien spiċċa, qalet li ma kinux interessati li jużawha però tgħid li meta ġew biex jużawha s-Sajf ta' wara, bdew jużawha normali però mbagħad f'daqqa waħda l-livell beda jonqos. Fix-Xitwa però m'għamlu xejn dwarha għax il-pompi ma kinux mixgħula. Mistoqsija kemm niżel l-ilma f'livell tgħid li ma tiftakarx però taf żgur li ma żvujtatx, ma kinitx mimlija sa fuq nett biss. Tahseb li naqset xi *one* metre bejn wieħed u ieħor però preciz ma tafx.

Hi qatt ma ratu jagħmel xejn lil Jimmy. Taf però li kien jmur jimxi fl-akkwati. Qalet li fix-Xitwa rari kienet toħroġ barra però qatt ma qallha biex hi ma timlix l-pool bl-ilma tal-vit u mhux veru li Jimmy mar u sabha bil-pajp f'idejha timla' l-pool. Hi kienet li tkellmet ma' Jeffrey. Ziedet tghid illi tal-bowser kien mar xi tliet darbiet biex jimla' l-pool però eżattament kemm, nesiet. Għaddew erba'

snin fuq dan kollu. Kompliet tghid li tal-bowzer kien ġie tlieta jew erba' darbiet. Hi ma żammitx irċevuta għax naturalment ma mmaġinatx li effettivament kienu ser jispiċċaw f'din is-sitwazzjoni. Il-bowser kien ġie rakkomandat lilhom minn dan Jeffrey ukoll. Tenniet li Jeffrey kien jagħtiha rċevuta kull ġimgħa u waħda fiskali.

Kompliet tghid li effettivament kienet tiddejjaq li meta tqum filgħodu kienet tara lil Jimmy miexi barra u hi ħasset illi din il-haga kienet qed tinvadilha il-privatezza u għalhekk waqqafithu milli jmur. Hi qatt ma talbet lil Jimmy biex jmur d-dar. Apparti lil Jimmy, ma kienet tara lil ħadd iktar hemmhekk. Kienu hi u r-raġel li għamlu l-*padlock* u kienet hi li xtratu.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jtitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2017 meta talbu lil din l-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenut somma flus u cioe' dik ridotta skond verbal registrat fl-atti nhar l-14 ta' Dicembru, 2016 fl-ammont ta' elf, disgha mija u tlettax-il ewro u tnax-il centezmu (€1,913.12) flimkien mal-imghaxijiet relattivi rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' elf, mija u tnejn u tletin ewro u tmenin centezmu (€1,132.80) li jirrapprezentaw *pool maintenance* u s-somma ta' sebgha mija u tmenin ewro u tnejn u tletin centezmu (€780.32) tirrapprezenta bilanc tal-kontijiet tad-dawl u ilma.

Illi l-konvenut isostni fl-eccezzjonijiet tieghu li dan l-ammont mhux dovut u dan ghaliex huwa qatt ma nghata kontijiet ufficcjali dwar dawn l-istess somom.

Jirrizulta u dan mhux kontestat li l-konvenut kien kera minghand is-socjeta' attrici l-fond 109B, Triq il-Pont, Mellieha skont skrittura ta' kirja datata tmienja

(8) ta' Awissu 2013 ghall-perjodu ta' tnax-il xahar. Huwa flimkien ma' martu Erika dahlu f'dan il-fond fis-17 ta' Settembru 2013 u qaghdu hemm sal-14 ta' Settembru 2014. Dwar dan bhala fatt *ut sic* ma hemmx kontestazzjoni. Jirrizulta wkoll li r-relazzjoni taghhom kienet dik regolata permezz tal-iskrittura gja imsemmija u ghalhekk din il-Qorti ghandha tara u tifli x-xhieda prodotta fid-dawl ta' dak li hemm stipulat fil-ftehim.

**Kunsiderazzjoni legali.**

Il-Qorti tibda' billi tirrileva li f`kawza ta` din ix-xorta fejn il-kredibilita` u l-veracita` tal-provi huma determinanti, hija trid tfittex li toqghod fuq l-ahjar prova, u tmur ghall-provi sekondarji biss meta tal-ewwel ma jkunux disponibbli.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" (mhux appellata), din il-Qorti (PA/JRM) fis-sentenza taghha kellha l-okkazjoni tidhol f`dettall dwar kif ghandu jigi trattat l-oneru tal-prova. Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi l-linji ta` hsieb li kienu traccjati f`dik is-sentenza jimmeritaw riferenza konsiderata u partikolari ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.

Bosta kienu il-principji li ttrattat il-Qorti f`dik id-decizjoni u li din il-Qorti tghid li huma rilevanti ghall-kawza tal-lum. Fost hwejjeg ohra, il-Qorti hemm qalet hekk –

*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici*

*supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju.*

*Izda f'kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod* li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et** - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).

Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - **Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**).

Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**)

Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).

*… Izda dak li jghodd f'kawza m'huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f'kawza ...certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et**)

Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbaghti tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.)** Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan

ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**). Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**).

L-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici minghand l-konvenut kif ridotta tirrapprezenta in kwantu ghas-somma ta' elf, mija u tnejn u tletin ewro u tmenin centezmu (€1,132.80) li jirrapprezentaw *pool maintenance* u s-somma ta' sebgha mija u tmenin ewro u tnejn u tletin centezmu (€780.32) tirrapprezenta bilanc tal-kontijiet tad-dawl u ilma oltre l-imghaxijiet.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina l-ftehim Dok JB1 esebit fl-atti a fol. 40 li gie iffirmat mill-partijiet nhar it-8 ta' Awwissu 2013 u tara b'mod preciz dak li inghad fir-rigward ta' hlas ta' dawn iz-zewg utilitajiet.

Mela fir-rigward il-hlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma hemm stipulat li "*Electricity & Water bills shall be borne by the said lessee (il-konvenut), who is to pay online bill monthly and on account to the lessor to be set off against the bills.* U …

*The lessee has full and complete responsbililty for payment of all utility bills, including but not limited to water, electricity gas and telephone and television reception to connection with the property for the total period of this agreement. The lessor shall have no responsibility whatever to pay any such bill on behalf of the lessee for the period of this agreement.*"

Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-obbligu ghall-hlas tal-kont tad-dawl u ilma waqt il-pendenza ta' dan il-ftehim waqa' fuq l-inkwilin il-konvenut. Hawnhekk il-konvenut obbliga ruhu li jaghmel pagamenti mensili permezz ta' online banking dwar il-hlasijiet li talvolta jistghu jkunu dovuti lil Water Services u Enemalta.

Jinghad pero' li l-klawsola numru 17 li titratta dwar ir-readings ta' dawn iz-zewg utilitajiet ta' ilma u elettriku baqghu vojta u dan jidher kuntrarjament ghal dak li qal Jimmy Camilleri li stqarr fl-affidavit tieghu li fil-bidu ta' dan l-inkwilinat ttiehdu r-readings. Jidher li dak li qal l-konvenut u cioe' li ma giex muri l-meter qabel ma dahal mill-fond ghandu mis-sewwa.

Illi jidher anke mit-tip ta' xoghol tal-konvenut li jidher fuq il-kuntratt ta' kirja li dan jahdem bhala pilota u ghalhekk jghaddi hafna hin barra minn Malta. Jirrizulta ukoll li mart il-konvenut ghamlet zmien twil ghand ommha ghaliex kellha tarbija u ma xtaqitx tibqa' tghix wahedha. Illi l-fond ma kienx jigi uzat kuljum.

Illi l-konvenut qal li hallas is-somma ta' hames mitt ewro (€500) bhala initial deposit ghal dan is-servizz fil-bidu tal-kirja u wara dan hallas is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar ghal dan is-servizz. Pero' is-socjeta' attrici qed tghid li dan l-ammont mhallas mill-konvenut u cioe' l-ammont ta' €1,800 (rapprezentanti €150 kull xahar ghal sena) u l-€500 mitt ewro depositu ma kienx bizzejjed.

Il-konvenut jghid li huwa kif ukoll martu talbu kemm-il darba kemm lil Jimmy Camilleri kif ukoll lil bintu sabiex jghaddulhom il-kontijiet ufficcjali pero' dawn naqsu li jaghmlu hekk. Jispjegaw li l-fond fejn kienu jirrisjedu ma ghandux meter izda il-meter jinsab f'basement li ma kellhomx access ghalih. Jirrizulta li in effetti kien hemm xi sub meter ma' dan il-meter fejn allegatament

kien jigi registrat ir-readings tal-konsum tad-dar uzata mill-konvenut u cioe' il-fond 109B. Pero' dawn ir-readings qatt ma gew moghtija lill-konvenut u fl-ebda hin ma hemm indikat kif in effetti inhadmu l-ammonti li qed titlob is-socjeta' attrici. Kien ikun ahjar li kieku s-socjeta' attrici kellha meter registrat fuq il-propjeta' 109B ghalih sabiex b'hekk johorgu il-kontijiet diretti mill-ARMS u jinghataw lill-inkwilin sabiex isir il-hlas dirett.

Jidher minn ezami tad-dokumenti esebiti mal-affidavit ta' Jimmy Camilleri li Jane Camilleri kienet kitbet lill-ARMS diversi drabi u talbithom break down tal-kont numru 1010002611241 registrat fuq il-fond 109. Pero' dan il-fond imbaghad huwa diviz fi tnejn 109A u 109B, ghalhekk anke kieku dawn il-kontijiet inghataw u gew mghoddija lill-konvenut dawn ma kienux kollha dovuti u stante li ma nqrawx ir-readings fil-bidu tal-kirja qatt ma jistgha jinghad x'kien l-ammont dovut.

Il-kontijiet kollha esebiti mill-attur u mmarkati bhala Dok F(i) jirrelataw ghal kont wiehed u cioe' dak mahrug fuq l-fond 109 sic et simplicite u mhux 109B. M'hemmx dubju huwa maghruf li l-units ghandhom rati differenti u cioe' aktar ma tahli aktar ikunu kostuzi l-units u ghalhekk l-konvenut ma jistax ikun jaf bil-kalkoli allegatament maghmula mill-attur jekk intuzawx l-units bi prezz baxx ghal fond 109A u ghalih dawn aktar gholja. Kien dover tal-attur li jipprovdi din l-informazzjoni b'mod sodisfacenti u mhux b'din l-manjiera daqstant dubjuza. Il-Qorti thoss li s-somma mhallsa mill-konvenut ta' elf u tmien mitt ewro oltre il-hames mitt ewro deposit u ghalhekk is-somma globali ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) hija bizzejjed.

Dwar it-talba l-ohra u cioe' ghall-hlas tal-maintenance tal-pool, il-Qorti qrat il-kuntratt fid-dettall u tinnota li ma hemm l-ebda referenza ghal min hu obbligat li jiehu hsieb il-pool. Il-konvenut jghid li l-pool kien ahdar meta haduh u ma uzawhx qabel is-sajf ta' 2014 f'Gunju meta tabilhaqq innotaw li anke l-livell

tal-ilma kien jinzel. Qal li matul ix-xitwa ma kienx jiehu hsieb il-pool pero' f'Gunju kien qabbad lil xi hadd u cioe' lil Jeffrey Agius li ha hsieb dan il-maintenance. Ikkonferma li l-pool kien mahmug hafna u li kellu bzonn maintenance qawwi fil-bidu tas-sajf 2014. Qal li kellu bzonn jinxtraw il-kimici u li kien hu li xtrahom u li kien gab ukoll lil tal-bowser sabiex jimla l-pool f'aktar minn okkazzjoni wahda. Dan hu dak li fil-fatt qal kemm il-konvenut kif ukoll martu. Debattista jikkonferma li kien hu li ha hsieb il-pool fis-sajf tas-sena 2014.

L-attur Jimmy Camilleri jghid li kien imur hu jiehu hsieb il-pool u iqabbad lil tal-Mermaid Pools minkejja li jghid li l konvenut kien responsabbli ghal dan il-maintenance. Il-konvenut jghid li hu qatt ma qabbad lill-attur sabiex jaghmel dan u l-attur qatt ma staqsa lill-konvenut ghal xi permess sabiex jaghmel dan. Kemm mart il-konvenut kif ukoll il-konvenut stess jichdu li taw xi awtorizzazzjoni lill-konvenut jew lil Mermaid Pools sabiex jiehdu hsieb dan is-servizz. Jinghad ukoll li l-konvenut qatt ma talab lill-attur sabiex jixtri xi kimici ghal dan il-pool u ghalhekk jekk xtara xi kimika dan ghamlu minn rajh biss. Minkejja li l-attur ipprezenta xi invoices dwar il-maintenance tal-pool mal-affidavit tieghu l-konvenut jghid li huwa qatt ma kien inghata dawn l-invoices. Il-konvenut fl-affidavit tieghu jghid li s-Sur Camilleri kien baghat lil xi hadd inaddaf il-pool fil-villa numru 109B f'okkazzjoni wahda u meta l-konvenut induna b'dan kien qallu biex ma jergax jibghatu ghaliex ma kellux pjacir bih. Gara li wara dik l-okkazjoni ma ra lil hadd aktar jaghmel maintenance. Qal li kien hemm xi hames okkazjonijiet meta ra lil Jimmy Camilleri fil-vicinanza jahdem fuq il-villa 109 adjacenti pero' mhux f'tieghu jew ahjar dik okkupata minnu.

Jeffrey Agius ikkonferma dak li stqarru l-konvenut u martu li huwa kien gie nkarigat ghal habta ta' April / Mejju 2014 sabiex jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-pool li tinsab fil-fond 109B, Triq il-Pont Mellieha. Spjega li kull darba illi

kellu bzonn jiddiskuti xi haga, jew jaghmel xi spejjez, is-soltu kien jitkellem ma' Erika, il-mara ta' Jonathan, u dan peress illi Jonathan kien kwazi dejjem imsiefer fuq xoghol. Qal li wara li nkarigawh, l-ewwel darba li mar jara l-post, ex admisses qal "li *malli ra il-pool, hu ma kienx fi stat li jista' jintuza ghax tant kien mahmug hafna u dan mhux tajjeb ghall-ghawm. Fir-rigward il-kimici, ma kienx hemm fil-Villa u ghalhekk huwa kellu jmur jixtrilhom kimici u dak kollu li kellhom bzonn".*

Ikompli ighid li '*fir-rigward ix-xoghol li kellu jaghmel fil-pool, huwa sostna li sabiex il-pool igibu fi stat tajjeb biex jintuza u jlestih ghas-sajf, kellu jaghmel pool cleaning kif ukoll pool service. Sabiex pool cleaning tkun ghamiltu tajjeb, huwa spjega li wiehed irid jiehu hsieb u jmantni l-pool fi stat tajjeb ghas-Sajf almenu darba fil-gimgha. F'dan ir-rigward qal li ghalhekk huwa kien imur fil-post darba fil-gimgha u li kien jiehu hsieb u jaccerta li l-ilma jigi u jkun fi stat tajjeb biex jghumu fih. Qal li l-mara kienet tiehu hsieb biex tordna l-ilma minn tal-bowser ghat-topping up tal-pool u li dan l-ilma kien jitpogga fil-bir. Meta kien imur hu, kien jiehu hsieb hu biex jaghmel it-topping up minn dak l-ilma gol-bir ghal gol-pool.*"

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti ma tistax tiskarta l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut li ma kellux ghalfejn iressaq l-ebda provi sabiex jissostanzja li m'ghandux jaghti lill-attur izda hu l-attur li kellu jipprova li l-konvenut huwa debitur tieghu.

Fil-kwadru tal-provi imressqa mill-partijiet din il-Qorti thoss li l-fatti kif moghtija mill-konvenut ghandhom aktar mis-sewwa u s-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tipprova li verament l-konvenut huwa debitur taghha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici u tilqa' l-eccezzjonjiet sollevati mill-konvenut.**

**L-ispejjez tal-procedura odjerna huma a karigu tas-socjeta' attrici.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**